MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 662/2004

**Zakaria u Roseanne mizzewgin Moustafa**

**vs**

**Thomas Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-Prim'Awla fis-26 ta' Settembru, 2000, fejn wara li l-attur ippremetta illi peress illi l-konvenut Thomas Mifsud huwa debitur ta' l-atturi Zakaria u Roseanne mizzewgin Moustafa fl-ammont ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600.00), bilanc minn somma akbar dovut mill-konvenut ghal xoghol ta' tikhil u kisi taljan kif ukoll dekor tas-soqfa bil-gypsum u induratura, liema xoghol sar fuq inkarigu ta' l-istess konvenut fil-fond erett fuq Plot 5, Triq il-Habbiez, Qormi.

U peress illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta’ ittra nterpellatorja sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tikkundanna lill-konvenut Thomas Mifsud ihallas lill-atturi Zakaria u Roseanne mizzewgin Moustafa s-somma ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600.00) bilanc minn somma akbar dovut mill-konvenut ghal xoghol ta’ tikhil u kisi taljan kif ukoll dekor tas-soqfa bil-gypsum u induratura, liema xoghol sar fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut fil-fond erett fuq Plot 5, Triq il-Habbiez, Qormi, flimkien ma l-imghax legali sal-jum ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja ta’ l-1 ta’ Ottubru, 1999 kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici hi ntempestiva stante li x-xogholijiet appaltati baqghu inkompletati.

Illi inoltre x-xogholijiet appaltati ma sarux skond l-arti u s-sengha.

Illi wkoll l-attur kien fi htija ghall-inadempjenza kontrattwali stante li x-xogholijiet gew ezegwiti hazin tant li kien jinnecessita li jinqalghu.

Illi l-eccipjenti sofra danni bi htija ta’ l-attur stante din l-inadempjenza u ghalhekk u f’ kull kaz it-talba attrici, anke ghal din ir-raguni, ma jisthoqqilhiex li tigi milqugha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-Prim’Awla tal-15 ta’ Jannar, 2001 fejn innominat lil-AIC Joseph Borg Costanzi bhala tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat id-digriet tat-23 ta' Novembru, 2004 fejn il-kawza giet trasferita quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kuntest ta' l-Artikolu 34 ta' l-Att IX tas-sena 2004;

Rat ir-rapport tat-tekniku fuq imsemmi, pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2005 u mahluf fl-10 ta' Ottubru, 2005;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut qabbad lill-attur Zakaria Moustafa sabiex jaghmillu xoghol ta' tikhil u kisi taljan fuq id-dar li kien qed jibni fuq Plot 5, Triq il-Habbiez, Qormi. L-attur beda jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti, izda nqala' disgwid bejn il-partijeit fejn fl-ahhar il-konvenut ittermina l-inkarigu moghti lill-attur.

Peress illi l-hlas baqa' ma sarx, l-attur istitwixxa din il-kawza.

It-tekniku nominat mill-Qorti, wara li ha inkonsiderazzjoni l-fatti ta' din il-kawza, u ghamel il-kalkoli tieghu fuq dak li ra b'ghajnenjh (xhieda Perit 15 ta' Novembru, 2005), ikkonkluda illi l-attur ghandu jithallas l-ammont ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100).

Il-Qorti tinnota li minkejja l-esegwita tar-relazzjoni tat-tekniku, il-Qorti ma tistax tiskartaha. Tajjeb jew hazin, it-tekniku ghamel il-kalkolu tieghu fuq dak illi ra, wara li ha wkoll inkonsiderazzjoni r-rapport tal-perit ex-parte li pprepara l-konvenut. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tiskarta l-konkluzjoni li wasal ghaliha t-tekniku nominat.

Fil-kawza Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 2001 intqal, "L-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero', mhux leggerment jew kapriccjosament imma

biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anki mill-gurisprudenza, li l-Qorti ma kellhiex twarrab u tiskarta opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat ghaliex dik kif inghad, tikkonstitwixxi element ta' prova mportanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."

L-istess fil-kawza Carmel Sciortino vs Joseph u Helen Camilleri deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju, 1966, fejn il-Qorti spjegat illi ma ghandha qatt tinjora rapport ta' espert minnha nominat, jekk mhux ghal ragunijiet validi u konvincenti bhal prova ohra jew konkluzjonijiet differenti minn periti ohra.

F'dan il-kaz, il-Qorti ma ssibx illi ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggunti mill-perit u ghalhekk fuq l-iskorta tal-gurisprudenza fuq ikkwotata, ghandha tilqa' din ir-relazzjoni u taddotta l-konkluzjonijiet taghha. Mill-bqija l-Qorti taqbel mar-ragunamenti migjuba mit-tekniku nominat.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100), bilanc minn somma akbar dovut mill-konvenut ghal xoghol ta' tikhil u kisi taljan, kif ukoll dekor mas-soqfa, liema xoghol sar fuq inkarigu ta' l-istess konvenut fil-fond erett fuq Plot 5, Triq il-Habbiez, Qormi.

Bl-ispejjez li ghandhom jithallsu kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------